8 ta' Marzu, 1995

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Avukat Dottor Alfred Mifsud

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru

## Rikuża

*Il-Qorti tħossha fid-dover li tiddikjara li din id-deċiżjoni m'għandhiex timplika b'ebda mod illi hija b'xi mod qed taċċetta li din il-proċedura ta' rikużi sistematiċi fuq l-iċken pretest magħmulin kemm fl-istess kawża u kemm fil-kawżi kollaterali li jiġu ġenerati tanġenzjalment għall-istess kawża prinċipali, ma jikkostitwux fil-mument ta' rottura,*

*abbuż serju tal-proċess ġudizzjarju.*

Il-Qorti:-

Dan il-provvediment qed jingħata biex jirregola l-eċċezzjoni li l-appellant dottor Mifsud ippropona fl-ewwel seduta tas-7 ta' Novembru, 1994 fl-appell magħmul minnu mis-sentenza ta' l-*Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru, 1994;*

Din l-eċċezzjoni titlob ir-rikuża tat-tlett imħallfin li jikkomponu din il-Qorti;

Is-sentenza appellata irrespinġiet rikors ta' l-istess dottor Mifsud li fih espona li d-dritt fundamentali tiegħu għas-smiegħ xieraq kien inkiser meta l-Prim Imħallef Professur Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Imħallef Carmel Agius ma kinux irrikużaw ruħhom milli jisimgħu l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-proċedura tar-rikors numru 397/92 u dan b'deċiżjoni tat-3 ta' Ġunju, 1994;

Issa, din il-Qorti tista' tifhem illi li l-imsemmija Professur Giuseppe Mifsud Bonnici Prim Imħallef, u l-Onorevoli Imħallef Dottor Carmel Agius m'għandhomx jittrattaw appell minn deċiżjoni li dikjarat li dak li huma iddeċidew flimkien ma' l-Onorevoli Imħallef dottor Joseph Camilleri meta ċaħdu eċċezzjoni ta' rikuża tagħhom, pero` l-eċċezzjoni titlob ukoll ir-rikuża ta' l-Onorevoli Imħallef dottor Noel Arrigo. Dan l-aħħar imħallef ma kienx wieħed mill-imħallfin li taw il-provvediment imsemmi tat-3 ta' Ġunju, 1994 u ma ngħatat ebda raġuni għaliex huwa għandu jastjeni jew jiġi rikużat milli jisma' dan l-appell mis-sentenza tas-6 ta' Ottubru, 1994;

Għaldaqstant, il-Prim Imħallef Professor dottor Giuseppe Mifusd Bonnici, u l-Imħallef dottor Carmel Agius qegħdin jaċċettaw ir-rikuża proposta kontra tagħhom, filwaqt li l-Qorti qegħda wkoll tiddeċiedi li tirrispinġi l-istess talba diretta kontra l-Imħallef dottor Noel Arrigo;

Il-Qorti tħossha fid-dover li tiddikjara li din id-deċiżjoni m'għandhiex timplika b'ebda mod illi hija b'xi mod qed taċċetta li din il-proċedura ta' rikużi sistematiċi fuq l-iċken pretest magħmulin kemm fl-istess kawża u kemm fil-kawżi kollaterali li jiġu ġenerati tanġenzjalment għall-istess kawża prinċipali, ma jikkostitwux fil-mument ta' rottura, abbuż serju tal-proċess ġudizzjarju;

Il-kawża hija differita għal biex tinstema' mill-Qorti meta ssir is-surroga taż-żewġ imħallfin rikużati, u dan għas-seduta tas-27 ta' Marzu, 1995 minn 12.00 p.m.